

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-25 ta' Jannar 2017 – Lubrizol France SAS vs Caisse nationale du Régime social des indépendants (RSI) participations extérieures**

(Kawża C-39/17)

(2017/C 112/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Lubrizol France SAS

Konvenuta: Caisse nationale du Régime social des indépendants (RSI) participations extérieures

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludu li l-valur ta' oġġetti ttrasferiti minn Franza lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, minn jew fisem persuna suġġetta għall-kontribuzzjoni soċjali ta' solidarjetà tal-kumpanniji u għall-kontribuzzjoni addizzjonali għaliha, għall-htigħejet tal-impriżza tagħha, jittieħed inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tad-dħul mill-bejgħ globali li jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-26 ta' Jannar 2017 – Fashion ID GmbH & Co.KG vs Verbraucherzentrale NRW eV**

(Kawża C-40/17)

(2017/C 112/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Appellanti: Fashion ID GmbH & Co.KG

Appellata: Verbraucherzentrale NRW eV

Partijiet oħra: Facebook Ireland Limited, Landesbeauftragte für Datenschutz und Informationsfreiheit Nordrhein-Westfalen

**Domandi preliminari**

1. Ir-regoli tal-Artikoli 22, 23 u 24 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (¹), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritatijiet ta' protezzjoni tad-data u mal-azzjonijiet legali tas-suġġett tad-data, tawtorizza lill-assoċjazzjonijiet bi skop ta' servizz pubbliku li jiddefendu l-interessi tal-konsumatur sabiex, fil-każ ta' ksur, jaġixxu kontra l-awtur ta' tali ksur?

Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta negattiva:

2. F'każ bħalma huwa dan inkwistjoni, fejn xi ħadd jinkludi fis-sit tiegħu kodiċi ta' programmazzjoni li jippermetti lill-browser tal-utent jitlob kontenut mingħand terz u, għal dan l-għan, jittrażmetti lit-terz data personali, il-persuna li tagħmel din l-inklużjoni hija "kontrollur" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, meta tali persuna ma jistax ikollha, hija stess, effett fuq dan il-mod ta' pproċċessar ta' data?